**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA 29 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 515/02 AJD**

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Francis Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tlett mija u erba' u tmenin lira Maltin (Lm384.00), rappresentanti l-import ta' erba' u ghoxrin (24) kambjala b'valur ta' sittax il-lira Maltin (Lm16.00) il-wahda, skaduti u dovuti mill-konvenut lis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju, 2001, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala relattiva sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Tanya Sammut, ghas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm384.00), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Lulju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**